MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2011

Numru. 457/2011

Il-Pulizija
(Sp Edmond Cuschieri)
vs
Branislav Stankovic, iben Ilija, imwieled is-Serbja fit-18 ta' Novembru, 1977, Karta ta' l-Identita numru 365809L

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-27 ta' Marzu, 2011 għal ħabta tat-8.15 p.m. ġewwa San Pawl il-Baħar attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra 2nd SM325 Bonnici, PS914 Ivan Mifsud u PC1485 Gilbert Zammit li huma persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' PS914 Ivan Mifsud PC1485 Gilbert Zammit skont kif iċċertifika Dr. Raymond Grixti M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrifjuta li jagħti, jew ta falz lill-uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularitajiet oħra;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;
7. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu il-kontroll ta' motor car jew vettura oħra u cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBG735, ta' għamlaPeugeot, li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;
8. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi rrifjuta li jagħmel test tan-nifs u dan wara li ġie avzat li tali rifjut jammonta għal reat.
Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati minn kull liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Marzu, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 96, 221(1) u 338(g)(m)(bb)(ff) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 15A(1), 15D(b) u 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena.

Illi l-imputat għandu fedina penali netta u ammetta fl-ewwel udjenza ta’ din il-kawża.  Għalhekk, tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.  Minbarra dan tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ erba’ mija u sebgħin euro (€470) u tordna s-sospensjoni tal-liċenzja tiegħu tas-sewqan għal zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------